# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf











BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 78 | it-13-il sena | Jannar - Frar 2007





# Hej Ħuttaf!

# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'se Naraw? | 5 |
| attività | 6 |
| ittra | 6 |
| gallerija | 7 |
| iż-żnuber | 7 |
| Falko | 8 |
| In-Nies u l-Ambjent | 9 |
| Sibtha fix-Xibka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| nowtbuk: iċ-ĊITA | 11 |
| Irkejjen | 12 |


Ftit ilu wieħed staqsieni: "Haw' intom tal-BirdLife! X'inhu da' l-għaġeb kollu fuq il-kaċċa fir-rebbiegħa? X'inhi din li ma tridux kaċċa fir-rebbiegħa u fil-ħarifa no problem?Toqtol għasfur fir-rebbiegħa jew toqtlu fil-ħarifa mhux xorta ħa jmut miskin?X'differenza?"

Għall-ewwel ħsibtu se joqgħod jgħajjar, imma mbagħad indunajt li dan veru miskin kien inkwetat. Għalhekk qgħadt nispjegalu ftit l-affari, u tajjeb li tkunu tafu intom ukoll.

Mela l-ewwelnett aħna li kien għalina l-kaċċa la ssir fir-rebbiegħa, la fil-ħarifa, la fix-xitwa u lanqas fis-sajf! L-għasafar għandhom biżżejjed problemi bil-qerda ta' l-ambjent, bil-bidla fil-klima, bil-pestiċidi eċċ. Diġà spiċċaw ħafna speċi ta' għasafar mid-dinja u hemm elf oħrajn fxifer l-irdum. Żgur li m'għandhomx bżonn problema oħra. Jiġifieri min jaħseb li l-BirdLife tieħu gost jew trid xi forma ta' kaċċa f'Malta ma jafx x'inhu jgħid.



Issa niġu għall-biċċa ta' rebbiegħa u mhux rebbiegħa. Kif tafu, fir-rebbiegħa l-għasafar ibejtu u jġibu fid-dinja ħafna flieles ġodda ħalli jikbru u r-razza ma tispiċċax. Jekk l-għasafar ma tħallihomx ibejtu minn fejn se jiġu l-għasafar il-ġodda? KULL għasfur li jinqatel fir-rebbiegħa jfisser bejta flieles INQAS. Ma tridx tkun bravu ħafna biex tifhimha din!

Jekk l-għasafar jitħallew irabbu l-familji tagħhom, fil-ħarifa jkun hemm ħafna iktar għasafar milli kien hemm fir-rebbiegħa. Għalhekk il-kaċċa fil-ħarifa tagħmel inqas ħsara. Imma ngħiduha kif inhi: il-kaċċa hawn Malta ssir għall-gost, mhux għax hawn bżonnha. Li tneħħi ħajja bla bżonn huwa delitt kontra n-natura. HEKK nemmnu aħna.

Insomma, meta lestejt il-priedka, dak qabad u daħal membru fil-BirdLife, u għalhekk mal-priedka tajtu wkoll il-barka :)

**Victor Falzon** L-Editur



It-**tiġieġa tal-baħar** (coot *Fulica atra*) thobb l-għadajjar, u għalhekk f'Malta ma tantx għandha għażla fejn tintefa', għax għadajjar m'għandna kważi xejn. Dix-xitwa kien hemm daqs 10 fir-riserva tas-Simar u 5 oħra l-Għadira. Imn'alla jkunu r-riservi naturali għal dan l-għasfur, għax it-tiġieġa tal-baħar hija waħda mill-għasafar li l-kaċċaturi għandhom permess joqtluha.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Matthew Borg Cardona, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Kathleen Mamo.



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Frar 2006 • Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt ta' quddiem: Tiġieġa tal-Baħar, ritratt ta' Denis Cachia
Ritratt ta' wara: L-Aħrax, ritratt ta' Victor Falzon
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet.**
**Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**




Bħal kull sena, il-BirdLife f'Jannar tmur tgħodd iz-zizka u dis-sena żammejna l-appuntament! Iz-**zakak abjad** (white wagtail *Motacilla alba*) huwa għasfur żgħir li jiġi jgħaddi x-xitwa Malta biex jiffranka l-ksieħ ta' pajjiżu. Fir-rebbiegħa jerġa' jitlaq. Iz-zizka bojod iħobbu joqogħdu flimkien u filgħaxijiet jinġabru f'numri kbar biex jorqdu flimkien fsiġar folti. F'Malta l-post favorit taz-zizka hija Pjazza Assedju fil-Belt Valletta, eżattament f'dawk is-siġar tal-fikus li hemm faċċata tal-qorti. Jinġabru eluf, u aħna mmorru ngħodduhom.

Fit-13 Jannar 2007 nġbarna wara nofsinhar 16-il berdwoċer u tqassamna mas-swar tal-Belt. Kif bdiet nieżla x-xemx smajna l-ewwel "tsi-tsikk!" u bdew deħlin: qtajja' qtajja' kultant 20, kultant 50, kultant anke 100 f'salt. Min jgħodd min jiniżżel fil-karta.

Insomma f'temp ta' siegħa għoddejna **4352**. Numru sabiħ. Ir-rekord kien 5335 (fl-2005). Grazzi lil kull min ġie speċjalment lil Denis Cachia li bħas-soltu organizza kollox.

# Kaptan Ġdid



Klabb Ħuttaf għandu kaptan ġdid - din hija **Kathleen Mamo**. Kathleen waħda mil-leaders tal-klabb u ħafna minnkom li tiġu l-ħarġiet żgur iltqajtu magħha.

Filwaqt li nifirħu lil Kathleen, aħna ngħidu grazzi kbira ħafna lill-Jason Aloisio, il-kaptan li ħabrek u mexxa l-klabb għal dawn l-aħħar seba' snin. Nawgurawlu ħafna iktar snin ta' servizz bħala u membru tal-kumitat u wieħed mil-leaders.



# Kamaleonti Kuntenti




U żgur li ma jgorrx il-kamaleonti, dak l-aqwa li jimla żaqqu! Imma aħna l-ambjentalisti ninkwetaw għax xitwa sħuna u bla xita tfisser li l-klima qed tinbidel. U jekk tinbidel dik se jinbidel l-ambjent naturali tad-dinja kollha! L-arja tisħon, is-silġ jinħall, ix-xmajjar jinfaqgħu, il-baħar jogħla, pajjiżi jegħrqu, il-foresti jinħarqu, l-annimali jmutu, l-għelieqi jitbielu, id-deżert jinfirex. Nixtiequ ngħixu f'dinja hekk?!




# Denfil Ċiniż jissalva...



Is-sidien ta' żewġ dniefel f'akkwarjum ġo Fushun (fiċ-Ċina) kienu nkwetati. Id-dniefel kienu belgħu xi plastik, tilfu l-aptit u ma riedu jieklu xejn.

Il-veterinarji ippruvaw jiġbdu l-plastik b'xi strumenti, imma għalxejn. X'taqbad tagħmel? Ġiethom idea: "Inġibu l-iktar persuna b'dirgħajn twal!" U bagħtu għal Bao Xishun, l-itwal bniedem fid-dinja, li jgħix fil-Mongolja. Is-Sur Bao huwa twil 236ċm u driegħu twila 106ċm.

Is-Sur Bao laqa' t-talba bil-qalb u mar biex jgħin. Daħħal idu u driegħu kollha f'ħalq id-dniefel, laħaq l-istonku, ħass il-plastik b'subgħajh u bil-galbu neħħihulhom. Id-dniefel mill-ewwel qalbu għall-aħjar.

Viva s-Sur Bao. Nawgurawlu ħajja... twila! :)

**Jekk ikollkom ċans araw il-film An Inconvenient Truth ħalli titgħallmu fuq l-effetti tal-global warming!**

# ...u denfil Ċiniż jintilef!

Aħbar oħra fuq id-dniefel u erġajna fiċ-Ċina. Imma did-darba mhix aħbar tajba.

Fix-xmara Chiangjiang (Yangtze) kien hemm jgħix tip ta' denfil jgħidulu **baiji**. Ix-xjenzati u n-naturalisti ilhom inkwetati fuqu għax kienu jafu li ftit mijiet kien baqa' minnhom. Għalhekk dan l-aħħar organizzaw tfittxija kbira biex jaraw kemm isibu minnhom.

Fit-tfittxija ħadu sehem 30 xjenzat minn erba' pajjiżi, użaw żewġ vapuri, damu sitt ġimgħat ifittxu, tmien sigħat kuljum, u baħħru 3400km. Ma sabux baiji wieħed!

Qed jibżgħu li dan id-denfil inqered mid-dinja, għax il-baiji f'dix-xmara biss kien jgħix. Il-baiji nqered għax max-xmara Chiangjiang jgħixu miljuni kbar ta' nies. L-indħil tal-bniedem fil-ħabitat ta' dad-denfil kien kbir wisq.

Jekk il-baiji veru nqered, mela d-dinja saret ftit iktar fqira. :(



| | |
|---|---|
| **isem** | **BAIJI** *Lipotes vexillifer* |
| **fejn jgħix** | Xmara Chiangjiang, Ċina |
| **daqs** | sa 250ċm |
| **lewn** | griż skur minn fuq, ċar minn taħt |
| **fattizzi** | munqar twil u rqiq |
| | għajnejn żgħar ħafna |
| | xewka (dorsal fin) baxxa |
| **problemi** | indħil mill-bniedem |
| | xbiek u snanar tas-sajjieda |
| | tniġġis tax-xmara |
| | qerda tal-ħabitat |
| | skrejjen tad-dgħajjes |
| **status** | ESTINT? |

# Ferfieri għall-ambjent!

Fl-Ingilterra ħa jibnu pawer stejxin enormi li taħdem bir-riħ. Se tkun l-ikbar waħda fid-dinja u mhux ħa tinbena fuq l-art, imma fuq medda baħar daqs Malta.

Se jkun fiha 271 raddiena enormi, imwaħħlin fuq arbli twal ħerġin mill-baħar. Ir-riħ idawwar dawn l-iskrejjen kbar u danjifforma l-eletriku. Eletriku bla farka duħħan u tniġġis! Eletriku nadif u li ma jispiċċa qatt, għax ġej mir-riħ.

Flimkien dawn l-irdieden ħa joħolqu biżżejjed enerġija biex jaqdu l-bżonnijiet ta' 750,000 ruħ (kważi doppju tal-poplu Malti) u sejiffrankaw ħafna $CO_2$ mill-arja. Dan il-gass huwa l-ikbar kawża tal-*global warming*, li hija l-ikbar problema ambjentali li d-dinja qed tiffaċċja. Il-pajjiżi ta' l-Ewropa, u magħhom ħafna pajjiżi oħrajn, qed jippruvaw inaqqsu dan it-tniġġis, forsi l-arja ma tisħonx wisq.

Din kienet is-soluzzjoni li offra r-Renju Unit. Naraw min ħa jipprova jegħlibhielhom fit-tellieqa kontra t-tniġġis ta' l-arja.





Victor Falzon

# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu l-għasafar



## il-fjamma

redstart *Phoenicurus phoenicurus*

Jiġu ġranet matul il-passa meta jitfaċċaw ħafna għasafar żgħar, bħall-fjamma. Dan l-għasfur jissejjaħ hekk minħabba d-denb oranġjo fl-aħmar li spiss iċaqlaq jew jiftaħ. Il-fjamma żżomm l-iktar fil-widien u postijiet bis-siġar. Tinżel fl-art l-aktar biex tfittex l-insetti u d-dud. Bħall-pitiross, tħobb timmolla fuq saqajh. Fir-rebbiegħa, il-fjammi rġiel ikun fihom verament x'tara, b'taħlita ta' aħmar, iswed u griż. In-nisa jkunu ferm iżjed ċari u trid toqgħod attent li ma tħallathomx man-nisa tal-fjamma sewda.

Il-fjamma tħobb widien u postijiet bis-siġar u kultant iżżur xi ġonna kbar.

(*Għasafar Madwarna* p 35)

## il-fras-servjent

black-winged stilt *Himantopus himantopus*

L-għasafar tal-plajja jafu jħabbtuk biex tagħrafhom, imma l-fras-servjent hu wieħed mill-għasafar li tagħrfu mingħajr tbatija. Żgur li kif tarah jolqtuk saqajh, ħomor u twal b'mod esaġerat. Is-saqajn jispikkaw anke waqt li jtir. Jużahom biex jinżel fl-ilma jfittex id-dud. Għandu mixja mgħaġġla u s'intendi b'saqajn bħal dawk jagħmel passi twal. U biex ma jxarrabx wiċċu għandu munqar twil u rqiq lapes. Ir-riserva ta' l-Għadira u s-Salini huma żewġ postijiet favoriti tal-fras-servjent. Ġieli jqattgħu ġranet sħaħ jistrieħu u jieklu qabel ikomplu l-vjaġġ.

(*Għasafar Madwarna* p 20)

Jekk għandek Internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti taż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħsejjes jew l-għana tagħhom. Grazzi lil Denis Cachia, il-webmaster tal-BirdLife.




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed.



# Bil-pass il-pass

Data: il-**Ħadd 18 Marzu 2007**
Niltaqgħu: fit-**8.30am**
Fejn: ir-**Rabat** quddiem id-Domus Romana (Roman Villa).
Nispiċċaw: fix-**Xemxija** f'xi **nofsinhar**
Età: **kulħadd!** Familja u ħbieb meħba, basta lesti jimxu.
Ġibu: l-isponsorsheet u xi flus li tkunu ġbartu + x'tieklu u x'tixorbu. Tantx titgħabbew (l-aħjar tużaw basket tad-dahar)

attività

Bħal daż-żmien sirna dejjem nagħmlu dik il-mixja twila li toħodna mir-Rabat sax-Xemxija. Mixja li tagħtina s-saħħa u tpaxxina bil-kampanja Maltija.

Imma mhux hekk biss. Għal dil-mixja nħobbu nhajru lill-membri biex jiġbru xi ħaġa tal-flus bħala sponsorship. B'dawn il-flus il-BirdLife nixtruxi affarijiet għall-proġetti ambjentali tagħna. Is-sena l-oħra xtrajna proġekter biex nagħtu t-taħditiet fl-iskejjel, u kważi ma waqafniex nużawh! Dis-sena l-flus ħa niddedikawhom lill-Foresta 2000. Irridu nixtru għodda biex tgħinna nikkontrollaw il-ħaxix. Il-ħaxix sabiħ, imma fis-sajf jinxef u jsir qisu tiben, u allaħares taqa' fuqu xrara nar (jew xi vandalu jqabbdu) għax il-foresta ssir ħuġġieġa waħda. Għalhekk importanti li ma nħallux il-ħaxix joħnoq kullimkien speċjalment fejn hemm is-siġar żgħar. Din l-għodda tqum xi Lm200. Jekk niġbru d-doppju... nixtru tnejn!

Mela ejjew u ġibu l-familja u l-ħbieb. Jekk tixtiequ tiġbru xi flus, żommu rekord fil-karta li waslitilkom ma' dil-Ħuttafa. U bħas-soltu, skond kemm tiġbru... tirbħu xi rigali!

FORESTA 2000

**Fis-7 Jannar 2007 Klabb Ħuttaf morna nħawlu koċċ siġar fil-Foresta 2000. L-ewwel Ray Vella r-rejnġer ħadna dawra żgħira ma' parti mill-proġett. Imbagħad qbadna l-imgħażaq u ħawwilna xi 30 siġra fl-inħawi jgħidulhom It-Taflija. Is-siġar kienu żnuber, ballut, alaternu u deru. Foresta 2000 hija proġett tal-ġenn li fih il-BirdLife flimkien ma' Din l-Art Ħelwa u l-Park qed inħawlu eluf ta' siġar. S'issa diġà tħawlu kważi 12,000 siġra.**



Tithawwel siġra taż-żnuber

## ittra

Sur Editur,

L-ewwel u qabel kollox ċapċipa kbira għall-magażin tant interessanti tagħna. Dejjem inqallbu u naqra l-istejjer li jkollkom, għalkemm nixtieq li toħorġuh aktar spiss jew iddaħħlulu aktar paġni.

Xi ftit taż-żmien ilu liz-zija niżlilha qisu seqer fil-bejt. L-għasfur kien imweġġa' u beda jdur mal-bjut tan-nies, allura z-zija malajr ċemplitilkom biex tiġu taqbduh. Aħna issa għandna s-sodisfazzjon li salvajna seqer.

Grazzi u prosit għal kull ma tagħmlu.

Ariane Aquilina
Ħ'Attard

*Għażiża Ariane,*

*Grazzi tal-kummenti sbieħ, taċ-ċapċip u tal-prositijiet kollha li tajtna :)*

*Ħe! Li kieku nistgħu, Il-Ħuttafa jkun fiha 32 paġna u toħroġ kull nhar ta' Ħadd! Tajjeb kieku :). Imma anke biex noħorġuh kull xaharejn hija battikata. Aħna t-tim li naħdmu fuq il-magażin ilkoll voluntiera, jiġifieri dax-xogħol nagħmluh fil-ħin ħieles tagħna. Biex il-magażin ikun fih iktar paġni u joħroġ iktar spiss trid iktar ħin, iktar nies u iktar spejjeż. U dawn it-tlieta mhux lakemm issejħilhom u jiġu.*

*Prosit ta' l-azzjoni li ħadtu fuq dak is-seqer. Ħafna nies iċemplu lill-BirdLife biex immorru niġbru għasafar feruti li jaqgħulhom fil-bjut u fil-ġonna. Kemm idumu l-kaċċaturi jisparaw fuq l-għasafar, dawn l-affarijiet b'xorti ħażina ħa jibqgħu jiġru :(*

*Ċaw u qis li tibqa' membru għal ħafna u ħafna snin.*

*L-Editur*



Ibagħtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom ħalli nġibuhom fil-GALLERIJA.

Mhux annimali domestiċi



**kamaleonti**
Melchior Vella 10



**kukkudrill**
Christian Farrugia 11



**farfett**
Bernice Schembri 12



**ħawwiefa**
Anna Farrugia 13



**tal-bejt**
Daphne Pollacco 8



**arġjope**
Matthew Spiteri 9



**venewwa**
Ryan Cauchi 10



**ħuttafa**
Stephanie Sant 10

# Bl-Għeruq u x-Xniexel

## Ħarsa lejn siġar indiġeni ta' Malta

### Iż-Żnuber

Aleppo pine
*Pinus halepensis*



Iż-żnuber kapaċi tinfirex fuq art fejn ikunu nqatgħu jew inħarqu s-siġar. Hemmhekk tikber, toħloq id-dell u tifforma ambjent tajjeb fejn imbagħad jistgħu jikbru siġar oħrajn, bħall-ballut. Iż-żnuber tajba għall-klima ta' Malta għax tiflaħ għall-qilla tax-xemx Mediterranja.

Iż-żnuber jgħidulha siġra konifera għax iż-żerriegħa jikber fi frott li jissejjaħ prinjol (bl-Ingliż cones). Iż-żerriegħa ttir bir-riħ u jekk taqa' fil-ħamrija, tinbet bix-xita tal-ħarifa. Jekk tkun ħamrija baxxa aħjar ħalli ma jikbirx ħafna ħaxix madwarha u joħnoqha. Meta ż-żnuber ikun żagħżugħ jikber forma piramidali u b'xorti ħażina xi nies jaqtgħuhom għall-Milied, avolja dis-siġra ilha mħarsa bil-liġi mill-1949.

Il-prinjoli nisa għall-bidu jkunu żgħar u vjola, imbagħad isiru ħodor, imbagħad kanella u fl-aħħar griżi. Biex prinjola ssir iddum tliet snin. Il-weraq taż-żnuber adattat għan-nixfa għax huwa dejjaq u twil, għalhekk ilma ftit jitlef u bejnu jgħaddi r-riħ u jżommu frisk. Dat-tip ta' weraq jissejjaħ labar, għax hekk qisu.

F'Malta għandna żewġ imkejjen imsemmijin għaż-żnuber: Wied Żnuber, ħdejn Ħal Far, u Għajn Żnuber, ħdejn il-Mellieħa. Iż-żnuber ilu li nqered minn dawn il-postijiet imma xi żerriegħa kienet ittieħdet SantAnton li minnhom tkabbru siġar li għadhom ħajjin u li għadna nistgħu nieħdu minnhom żerriegħa ġdida.

Iż-żnuber ilu jintuża għat-tmasġir. L-Addolorata, il-Pietà u partijiet mill-Buskett tħawlu fil-bidu tas-seklu 20. Fil-1950ijiet tmasġar il-Miżieb, il-Ballut ta' Ras il-Ġebel u L-Aħrax. Ħdejn Selmun hemm forsi l-ikbar żnubra li għandna f'pajjiżna.

**Charles F Grech**, Masġâr




Desirée Falzon

Iż-żnażan żenguli taż-Żanżibar
Żaru ż-żnuber iżaqżaq taż-Żambja
U żellgħu kollu żejt taż-żebbuġa
Sa ma żżafżaf u żamm miż-żaqżiq!



# FALKO

Żgħażagħ BirdLife Malta

Stefan Azzopardi, Matthew Borg Cardona, Simon Sultana



Għeżież Falkuni,

Għal xi nofs Jannar kont miexi fil-kampanja u nnutajt xi ħaġa differenti. Ċertu fjuri bħan-narċis u l-qarsu bdew jidhru qabel iż-żmien. Dan huwa l-kaġun tal-global warming. Dan jiġri meta $CO_2$ (carbon dioxide) żejjed (li huwa ta' ħsara għal saħħitna) ma jħallix ir-raġġi tax-xemx jaħarbu mill-atmosfera. B'hekk is-sħana tibqa' fl-arja, u t-temperatura medja tiżdied sena wara sena.

Aħna kolla qegħdin nikkontribwixxu fiż-żieda ta' dawn il-gassijiet. Kull meta nużaw l-eletriku nkunu qed inħaddmu l-pawer stejxin u nniġġsu l-arja. Però li nużaw l-eletriku mhix ħaġa ħażina, basta nkunu bil-għaqal. Allura kif nistgħu nnaqsu dal-ħafna $CO_2$ mill-arja?



Ma nħallux dwal, televixins u kompjuters mixgħulin għalxejn (lanqas stand-by).

Nużaw il-karozza tal-linja jew ir-rota biex immorru minn post għal ieħor.

Nirriċiklaw l-iskart, b'hekk jintremew inqas affarijiet fil-miżbla u jonqsu gassijiet bħal metanju li jiffurmaw fil-miżbla.

Jekk kulħadd juża dawn il-prekawzjonijiet ikollna arja ħafna aktar nadifa... u dinja inqas tikwi!

Matthew

**Matthew Borg Cardona**

## Berdwoċing mal-baħar

Ħa mmorru nimxi f'uħud mill-isbaħ inħawi tal-kampanja Maltija. Nitilqu mir-Rabat, niġbdu lejn Tas-Salib, imbagħad għall-Baħrija, l-iMtaħleb, Ħad-Dingli u lura r-Rabat.

Data: is-Sibt **31 Marzu 2007**
Niltaqgħu fis-**7am** fil-venda taċ-Ċirkewwa
Età: **Falko 13+**

## Mixja f'Wied Babu

Ħa mmorru mixja f'Wied Babu, wieħed mill-isbaħ widien tan-naħa t'isfel ta' Malta.

Data: il-Ħadd **15 April 2007**
Niltaqgħu fl-10**am** l-venda taż-Żurrieq
Età: **Falko 13+**

## Kemmuna

Ħa mmorrru Kemmuna biex inżuru ċ-ċentru ta' studju tal-BirdLife f'Wied l-Aħmar Nosservaw ukoll ir-ringing ta'l-għasafar. Ġibu flus għal-lanċa.

Data: il-Ħadd **29 April 2007**
Niltaqgħu fid-9**am** ċ-Ċirkewwa
Età: **Falko 13+**

attività FALKO attività FALKO

Simon Sultana



rapport

# Mixja lejn il-passat

Il-mixja tal-Ħadd 14 Jannar 2007 kienet interessanti ħafna. Attendew erba' membri ġodda, flimkien ma' membri oħrajn li dan l-aħħar bdew jattendu spiss. Aħna l-falkuni hekk irridu naraw, membri ġodda li jieħdu interess fin-natura u jinqalgħu minn quddiem il-komputers u l-playstation.

Il- mixja bdiet mir-Rabat, mnejn ġbidna lejn l-iMtarfa u nżilna Wied il-Qlejgħa (iċ-Chadwick Lakes). Rajna n-nuqqas ta' ilma fil-wied dix-xitwa, u kkummentajna fuq it-tibdil fil-klima f'dawn l-aħħar ħames snin. Waqt il-mixja rajna diversi ħlejjaq, bħal insetti, friefet, għasafar, u xi żrinġ jaqbeż mit-trejqa għal ġol-wied, bil-biża' li xi ħadd se jaqbdu bil-kopp!



fjamma sewda

Komplejna mixjin lejn il-Baħrija fejn ħadna brejk biex nammiraw il-ħdura ta' madwarna, bil-cart ruts mimlijin bil-ħamrija u l-qarsu joħnoq kull roqgħa li jsib. Imma malajr kellna nimxu min dil-ġenna għax tfaċċa bidwi u beda jbexx id-dwieli fl-għalqa. Riħa ta' pestiċida wara biċċa ħobż biż-żejt u t-tadam vera niżlet tajba! Erġajna qbadna r-ritmu tal-mixi u erħejnielha lejn is-Sentini, l-Andrijiet u Santa Katarina. Dawn l-inħawi magħrufin għall-ġmiel ta' bini antik, fosthom irziezet li jmorru lura għas-seklu 17 jew aktar, bit- turġien fuq barra, ir-remissa mbexxqa, xi ħawt quddiem il-bieb, u l-imrabat li sa ftit żmien ilu kienu jorbtu l-bhima.

Għal darba, aktar milli nies rajna għasafar. Rajna pitirrossi, psiepes, tal-bejt, fjamma sewda, bufula sewda, buċaqq tax-xitwa u sturnell.

Grazzi lill-membri li ġew għall-ħarġa u nispera li għal li jmiss nergħu narawhom. U jiġu aktar membri godda...

Simon Sultana




Elisabeth Conrad

# In-Nies u l-Ambjent

Iktar ma jmur, iktar il-popolazzjoni umana qed tikber. Fl-aħħar tas-sena li għaddiet ilħaqna s-6.5 biljun (6,500,000,000) ruħ. F'dil-paġna spiss tkellimna fuq il-problemi li dil-popolazzjoni tikkawża lill-ambjent naturali: ħela ta' riżorsi naturali, tniġġis, qerda ta' ħabitat, skart, enerġija, u ħafna ħafna oħrajn. Illum se nħarsu ftit lejn affarijiet pożittivi fir-relazzjoni bejn in-nies u l-ambjent. Se nieħdu biss żewġ eżempji ta' kif individwi u komunitajiet b'kuxjenza ambjentali jistgħu jagħmlu differenza.

## L-Amerikana...

Min bdieh il-moviment ambjentalist? Nistgħu ngħidu li kienet Rachel Carson, bijologa Amerikana. Fl-1940ijiet Carson bdiet tinkwieta fuq l-użu tal-pestiċidi, studjat l-effetti tagħhom, u fl-1962 ħarget il-ktieb famuż *Silent Spring*. Fil-ktieb uriet li l-pestiċidi kienu qed jeqirdu mhux biss speċi ta' ħsara għall-biedja, imma wkoll ħafna speċi oħrajn. Għalhekk rebbiegħa siekta, għax bla tpespis ta' għasafar. Rebbiegħa bla ħajja.




Dak iż-żmien ma kienx faċli tgħid xi ħaġa hekk għax it-teknoloġija kienet meqjusa s-salvatur tal-bniedem mill-problemi kollha tiegħu. Lil Rachel Carson heddewha b'ħafna affarijiet, anke li jtellgħuha l-qorti, u diversi kumpaniji kbar daru kontriha bl-ikrah. Minkejja dan, dil-mara baqgħet tippersisti, u għall-ewwel darba n-nies bdew jitkellmu u jaħsbu fuq l-effett tal-pestiċidi, u ndunaw li mhux kollox ward u żahar fit-teknoloġija.

## L-Indjani...

Fis-1970ijiet, f'reġjun fqir u rurali ta' l-Indja kien hemm diversi komunitajiet jiddependu totalment mill-ambjent naturali għall-għixien tagħhom. F'dak iż-żmien il-foresti għaddew f'idejn il-gvern, li beda jħalli kumpaniji kbar jaqtgħuhom.

Kif bdew jinqatgħu s-siġar, beda jżid l-għargħar għax issa kien hemm inqas siġar biex jilqgħu kontra x-xita. Mietu ħafna nies u ntilfu ħafna artijiet taħt valangi enormi ta' tajn. Dan kollu għax il-foresti bdew jiżżarmaw mill-kumpaniji kbar. Fl-istess ħin, meta waħda mill-komunitajiet talbet biex taqta' 12-il siġra biex tagħmel għodda agrikoli, qalulha le!

Dawn l-affarijiet wasslu biex il-komunità bdiet protesta kontra li jinqatgħu iktar siġar. Marru jkissru u jfarrku? Xejn minn dan. Sempliċiment marru fil-foresta u bdew jitgħannqu mas-siġar biex dawn ma jkunux jistgħu jinqatgħu! Il-moviment li kiber minn din il-komunità infatti nafuh bħala ċ-Chipko Movement - il-kelma *chipko* bil-Ħindi tfisser *tgħannaq*. Minkejja li kienu fqar u bla poter, bir-rieda tagħhom dawn in-nies irnexxielhom iwaqqfu l-qtugħ ta' aktar siġar, u ġiegħlu l-gvern jirranġa l-liġi dwar il-foresti. Dal-moviment kompla jikber u għadna nħossu l-effetti tiegħu sal-lum.

Minn hawn ġiet id-drawwa li lill-ambjentalisti kultant isejħulhom **tree-huggers**!



## ...u aħna ?

Għalfejn ġibna dawn l-eżempji? Għax ilkoll għandna responsabbiltà lejn l-ambjent naturali, u lkoll għandna l-poter li nsemmgħu leħenna meta jidhrilna li xi ħaġa hija ħażina. Nidraw minn issa nieħdu interess attiv fis-sitwazzjoni ambjentali ta' pajjiżna, mhux biss billi nikkritikaw, imma anke billi nagħmlu passi kostruttivi aħna stess kull fejn nistgħu, kemm id-dar, l-iskola, ma' sħabna u f'kull ċans ieħor li jkollna.



# Sibtha fix-Xibka!

## Websajts fuq in-natura mill-internet

### Tista' tagħmel differenza!

F'din is-sajt niltaqgħu ma' żgħażagħ żgħar li qed jagħmlu sforz biex il-ħajja ta' l-annimali madwar id-dinja tkun aħjar. Naraw kif b'determinazzjoni u entużjażmu dawn qed ikunu forza qawwija fil-ġlieda kontra l-moħqrija u favur il-protezzjoni ta' l-annimali u ta' l-ambjent. Sew jekk il-missjoni tkun favur il-balieni, l-ilpup jew il-foresti, nindunaw kemm iż-żgħażagħ jirnexxielhom jakkwistaw meta jiffurmaw klabbs u jaħdmu flimkien.

**Janet** u **Amy Gerardi**




**issibuha f'dan l-indirizz:**
**http:// www.humaneteen.org**



## TINSA QATT!

**Kull sena li inti tibqa' fi Klabb Ħuttaf aħna nibagħtulek poster kbir bil-kulur mis-sensiela *Ħieles, Ħaj u Sabiħ!* Kull sena l-poster ikollu għasfur differenti. Dis-sena l-għasfur huwa PITIRROSS.**

## Għal kull membru li jdaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi tal-BirdLife**
- **stiker bil-kulur**

Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta,
flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.



**Dettalji tal-membru l-ġdid/a**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode ________

data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________

Skola ____________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode ________

membership number ________ telefon ________ imejl ________

Skola ____________________

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 38 bolla tat-8ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**



Alison Buttigieg

# Iċ-Ċita

## Profil

Iċ-ċita (cheetah *Acinonyx jubatus*) hija l-iktar mammiferu żvelt fid-dinja, b'ħeffa massima ta' 110km fis-siegħa. Mibnija biex tiġri, b'ġisem irqiq, saqajn u xewka tad-dahar twal, u pulmuni kbar. Difrejha ma jingħalqux għal kollox bħal ta' qtates oħrajn, imma jgħinuha fil-ġiri bħat-tappini fiż-żraben tal-plejers.

Iċ-ċita ma tistax tiġri fit-tul, għalhekk l-ewwel tipprova tersaq viċin tal-vittma bla ma tinkixef. Meta toqrob xi 30-70m tagħti s-salt u tibda t-tellieqa. Iċ-ċita tipprova tagħti gambetta lill-vittma u kif twaqqagħha tigdmilha griżmejha biex tifgaha.

Iċ-ċita tippreferi tikkaċċja antilopi żgħar, bħall-għażżelin (gazelles). Annimali kbar ma tiflaħx għalihom, għax biex żiedet fil-ħeffa, iċ-ċita naqqset mis-saħħa fiżika. Għalhekk ġeneralment tikkaċċja annimali tal-piż tagħha jew inqas, li ħafna drabi huma żvelti kważi daqsha. Nistgħu ngħidu li ċ-ċita tħobb il-*fast food*!

## Perikli naturali

Iċ-ċita għandha ħafna għedewwa lesti jisirqulha l-ikel jew jiklulha l-frieħ. Fost dawn hemm l-iljuni, il-leopardi u l-jeni. Kultant anki l-avultuni jgerrxuha mill-ikel li tant tkun ħadmet għalih.




BirdLife Malta Maps

## Perikli min-nies

In-nies jikkaċċjaw iċ-ċita u l-ikel tagħha, u jeqirdulha l-ambjent. Ħafna ċita jgħixu f'artijiet fejn hemm l-irziezet. Il-bdiewa jaħsbuha periklu għall-bhejjem tagħhom, allura joqtluha bla rażan.

## Firxa

L-aktar in-naħa t'isfel ta' l-Afrika. Hemm ukoll popolazzjoni żgħira fl-Iran (mappa).

## Status

Fil-periklu ta' estinzjoni. Minħabba li hija annimal speċjalizzat ħafna, iċ-ċita ma tantx tadatta tajjeb għal kundizzjonijiet ġodda.



Iċ-ċita tħobb tinxtehet fuq għoljiet żgħar jew zumbati minn fejn togħod tgħarrex għall-priża, jew għall-periklu. Mhux l-ewwel darba li telgħet ukoll fuq is-saqaf ta' xi Land Rovers!

Alison Buttigieg



# Irkejjen

Rokna mwarrba tal-
kampanja. Xaqq fil-blat
li mtela bil-pjanti.
Hemm isfel kibru
għax sabu l-kenn mir-riħ,
sabu d-dell mix-xemx
qalila u forsi sabu art
ftit niedja.

Post li jafu bih il-merill,
il-bufula sewda u forsi
l-bufula ta' l-għollieq.
Post li taf bih il-wiżgħa
u forsi xi ballottra...

Għandna ħafna rkejjen
bħal dawn fil-Gżejjer
Maltin. Qed jistennewna
nfittxuhom u nsibuhom,
biex noqogħdu bilqiegħda
ħdejhom, nisimgħu l-
kwiet.

U ngawduhom.



Dan ir-ritratt meħud
L-Aħrax tal-Mellieħa.

BirdLife
MALTA